DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/910

tat-3 ta' Mejju 2023

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 fir-rigward tal-pubblikazzjoni tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni għall-madum u l-folji tal-bitum immewweġ u prodotti oħra għall-bini

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika għandhom jużaw il-metodi u l-kriterji pprovduti fid-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini koperti minn dawk id-dokumenti b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tagħhom.

(2) F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, wara diversi talbiet mingħand il-manifatturi għal Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej, l-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika fasslet u adottat 25 Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.

(3) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni li tfasslu u ġew adottati mill-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika huma relatati mal-prodotti għall-bini li ġejjin:

— il-madum u l-folji tal-bitum immewweġ;

— il-kittijiet tal-kisi likwidu kontra l-ilma biex jiġi applikat fuq il-gverta tal-bridge tal-bastimenti;

— it-tapiti għall-insulazzjoni tal-ħsejjes tal-impatti b'funzjoni addizzjonali ta' drain tal-ilma tax-xita u protezzjoni tas-saffi esterni li ma jgħaddix l-ilma minnhom;

— il-pot bearings bi ssiġillar intern speċjali għal azzjoni effettiva iżjed;

— il-kittijiet għall-istufi tas-sistema - ċumnija li tikkonsisti minn kitt taċ-ċmieni b'kisja taċ-ċumnija tat-tafal/taċ-ċeramika u unità ta' stufa integrata;

— il-kittijiet li jikkonsisti minn inforra tat-tubi taċ-ċmieni, magħmula minn fibri tal-ħġieġ, sustanzi minerali u organiċi, u partijiet anċillari (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 060012-00-0802");

— il-prodotti għall-bini li jippenetraw l-ħitan u l-art b'komponenti li jġorru prodotti tal-kombustjoni"

— il-kittijiet għal igglejżjar magħqud u siġillanti li jgħaqqdu;

— is-siment li joqgħod malajr tal-fluworaluminat;

— il-kittijiet għal membri tal-konkrit rinforzati b'azzar mill-aktar rinforzanti iżda b'użu tensili limitat;

— l-unitajiet tal-bini tal-konkrit aggregat b'fattur tal-konverżjoni tal-indewwa speċifiku Fm;

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

— il-blokok tal-bini magħmulin mill-briks u b'ġewweni tal-ħġieġ ċellulari;

— l-unitajiet tal-insulazzjoni termali u li jerfgħu t-tagħbija, magħmulin mill-ħġieġ ċellulari;

— l-ilqugħ tar-riħa bla ilma għad-drains tal-art;

— is-shingles b'massa baxxa ta' bitum, laminati jew le, b'rinforzar minerali jew sintetiku;

— il-makrofibri ta' polimeri rinfurzati bil-fibri tal-bażalt biex jintużaw fil-konkos;

— l-aggregati tal-mili tal-karbonat tal-kalċju b'karatteristiċi addizzjonali;

— il-mirja speċjali;

— il-profil tal-issiġillar tat-trufijiet magħmul mill-monomeru tal-etilene propilen dien għall-issiġillar tat-trufijiet fil-kostruzzjonijiet tat-tubbing;

— l-ankri tal-injezzjoni tal-metall għall-użu fil-ġebel (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 330076-00-0604");

— il-boltijiet ankra cast-in (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 330924-00-0601");

— il-woxers li jillokkjaw il-filsa għall-assemblaġġi strutturali tal-bolting;

— il-konnetturi li jsaħħu l-istrutturi tal-konkrit eżistenti permezz ta' sovrapożizzjoni tal-konkrit;

— is-sistemi b'kompartimenti tal-plastik biex jiġu applikati taħt l-art għall-aċċess għan-netwerk, installati taħt l-uċuħ tat-toqob tal-ispezzjonar;

— il-kittijiet tal-pajpijiet tas-servizz reżistenti għan-nar li jikkonsistu minn biċċiet prefabbrikati tal-konnessjoni (magħmula minn folja tal-azzar b'kisi jew inforra intumexxenti) u aċċessorji (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 350003-00-1109").

(4) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni li tfasslu u ġew adottati mill-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika jissodisfaw l-eżiġenzi fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet tal-bini stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011. Għalhekk jixraq li r-referenzi għal dawk id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Il-lista tar-referenzi għad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni tal-prodotti għall-bini ġiet ippubblikata skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 ([2]). Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-referenzi għad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni l-ġodda jenħtieġ li jiżdiedu ma' dik il-lista.

(6) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(7) Biex jiġi ffaċilitat l-użu tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni minn kmieni kemm jista' jkun, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar il-pubblikazzjoni tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs) għall-prodotti tal-bini abbozzati b'appoġġ tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 77, 20.3.2019, p. 78).

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness, ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f'ordni sekwenzjali skont l-ordni tan-numri ta' referenza:

"030016-00-0402	Madum u folji tal-bitum immewweġ"
"030675-00-0107	Kittijiet tal-kisi likwidu kontra l-ilma biex jiġi applikat fuq il-gverta tal-bridge tal-bastimenti"
"040708-00-0402	Tapit għall-insulazzjoni tal-ħsejjes tal-impatti b'funzjoni addizzjonali ta' drain tal-ilma tax-xita u protezzjoni tas-saffi esterni li ma jgħaddix l-ilma minnhom"
"050003-00-0301	Pot bearings bi ssiġillar intern speċjali għal azzjoni effettiva iżjed"
"060009-00-0802	Kitt għall-istufi tas-sistema - ċumnija li tikkonsisti minn kitt taċ-ċmieni b'kisja taċ-ċumnija tat-tafal/taċ-ċeramika u unità ta' stufa integrata"
"060012-01-0802	Kitt li jikkonsisti minn inforra tat-tubi taċ-ċmieni, magħmula minn fibri tal-ħġieġ, sustanzi minerali u organiċi, u partijiet anċillari (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 060012-00-0802")"
"060014-00-0802	Prodott għall-bini li jippenetra l-ħitan u l-art b'komponenti li jġorru prodotti tal-kombustjoni"
"090010-00-0404	Kittijiet għal igglejżjar magħqud u siġillanti li jgħaqqdu"
"150036-00-0301	Siment li joqgħod malajr tal-fluworaluminat"
"160011-00-0301	Kitt għal membri tal-konkrit rinforzati b'azzar mill-aktar rinforzanti iżda b'użu tensili limitat"
"170006-00-0305	Unitajiet tal-bini tal-konkrit aggregat b'fattur tal-konverżjoni tal-indewwa speċifiku Fm"
"170012-00-0404	Blokok tal-bini magħmulin mill-briks u b'ġewweni tal-ħġieġ ċellulari"
"170018-00-0305	Unitajiet tal-insulazzjoni termali u li jerfgħu t-tagħbija, magħmulin mill-ħġieġ ċellulari"
"180020-00-0704	Ilqugħ tar-riħa bla ilma għad-drains tal-art"
"220020-00-0402	Shingles b'massa baxxa ta' bitum, laminati jew le, b'rinforzar minerali jew sintetiku"
"260024-00-0301	Makrofibri ta' polimeri rinfurzati bil-fibri tal-bażalt biex jintużaw fil-konkos"
"260048-00-0301	Aggregat tal-mili tal-karbonat tal-kalċju b'karatteristiċi addizzjonali"
"300007-00-0404	Mirja speċjali"
"320014-00-0605	Profil tal-issiġillar tat-trufijiet magħmul mill-monomeru tal-etilene propilen dien għall-issiġillar tat-trufijiet fil-kostruzzjonijiet tat-tubbing"
"330076-01-0604	Ankri tal-injezzjoni tal-metall biex jintużaw fil-bini (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 330076-00-0604")"
"330924-01-0601	Boltijiet ankra cast-in (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 330924-00-0601")"
"331565-00-0602	Woxers li jillokkjaw il-filsa għall-assemblaġġi strutturali tal-bolting"

“332347-00-0601	Konnettur li jsaħħaħ l-istrutturi tal-konkrit eżistenti permezz ta’ sovrapożizzjoni tal-konkrit”
“340225-00-1109	Sistemi b’kompartimenti tal-plastik biex jiġu applikati taħt l-art għall-aċċess għan-netwerk, installati taħt l-uċuħ tat-toqob tal-ispezzjonar”
“350003-01-1109	Kitt tal-pajpijiet tas-servizz reżistenti għan-nar li jikkonsistu minn biċċiet prefabbrikati tal-konnessjoni (magħmula minn folja tal-azzar b’kisi jew inforra intumexxenti) u aċċessorji (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika “EAD 350003-00-1109”)”.